MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Numru 956/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**VS**
**OMMISSIS A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Ommissis A ta' Ommissis sena, bint Ommissis mwielda l-Pieta' Ommissis, residenti Ommissis u detentrici tal-Karta tal-Identità bin-numru Ommissis.

Illi hi akkuzata:

Talli fil-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar l-1 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' 21.45 ta' filghaxija f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjiet jew ghamlet biex thajjar

ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

U ukoll talli assocjat ruhha f’Malta ma’ persuna ohra u cioe’ Duncan Caruana bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm pieni ta’ prigunerija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputata ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha l-Qorti issib l-imputata hatja skont l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 7(2) tal-Kap 63 u Artiklu 48A tal-Kap 9 Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn taht issorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services. Il-Qorti tirrakomanda li din il-probation officer tkun Ms Carmen Nyarard. Illi in oltre il-Qorti tqieghed lill-imputata taht Treatment Order ghall-perjodu ta’ tmintax-il xahar, taht il-psikologu Jason Copperstone liema Treatment Order qed jithalla fid-diskrezzjoni kompleta tal-istess Jason Copperstone b’dana li ghandu jzomm ghalmenu sezzjoni tat-terapija darba fix-xahar. In oltre tordna li l-kopja tar-rapport analitiku tal-psikologa Mireille Pellegrini Petite tigi kkomunikata lil psikologu Jason Copperstone u l-Probation Officer Carmen Nyarad.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------